

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għoddha ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 7/2010

tat-22 ta' Diċembru 2009

**li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti
agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2505/96**

(ĠU L 3, 7.1.2010, p. 1)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data	
► M1	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 565/2010 tad-29 ta' Ġunju 2010	L 163	2	30.6.2010
► M2	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010	L 347	1	31.12.2010

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 7/2010

tat-22 ta' Diċembru 2009

li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2505/96

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-produzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali mhijiex bizzżejjed biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-industriji li jagħmlu użu minnhom fl-Unjoni. Bħala konsegwenza, il-provvisti tal-Unjoni ta' dawn il-prodotti jiddipendu konsiderevolament fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi. Ir-rekwiżiti l-aktar urgħenti tal-Unjoni għal dawn il-prodotti kkonċernati għandhom jintlaħħqu immeddatament fuq termini l-aktar favorevoli. Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni b'rati ta' dazju preferenzjali għandhom għalhekk ikunu miftuħa fi ħdan il-limiti tal-volumi xierqa b'kunsiderazzjoni għall-ħtieġa li ma jkunux imfixxkla s-swieq ta' prodotti bħal dawn jew ikun ostakolat l-istabbiliment jew l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-Unjoni.
- (2) Huwa neċċesarju li jiġi żgurat, għall-impurtaturi kollha tal-Unjoni, l-aċċess ugwali u mingħajr waqfien għal dawk il-kwoti, u li tiġi żgurata l-applikazzjoni mhux interrotta tar-rati stipulati għall-kwoti tal-importazzjonijiet kollha fir-rigward tal-prodotti kkonċernati ġewwa l-Istati Membri kollha sa meta jkunu ġew eżawriti l-kwoti.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju⁽¹⁾ jipprevedi sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji li ssegwi l-ordni kronoloġika tad-dati tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tar-riħaxx għal ċirkolazzjoni libera. Il-kwoti tariffarji miftuħa b'dan ir-Regolament għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri b'konformità ma' dik is-sistema.

⁽¹⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

- (4) Il-volumi tal-kwoti huma fil-biċċa l-kbira tagħhom espressi f'tunnellati Għal ġerti prodotti li għalihom infetħu kwoti tariffarji awtonomi l-volum tal-kwota ġie stipulat f'unità ta' kejl oħra. Fil-każ li l-ebda unità ta' kejl supplimentari ma ġiet stipulata għal dawk il-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (¹), jista' jkun hemm inċertezza fir-rigward tal-unità ta' kejl li għandha tintuża. Minħabba raġunijiet ta' ċarezza u fl-interess ta' ġestjoni tal-kwoti aħjar, huwa għalhekk neċċessarju li jkun provdut li, sabiex jittieħed beneficiju mill-kwoti tariffarji awtonomi msemmijin, il-kwantità eżatta tal-prodotti importati tīgi inserita fid-dikjarazzjoni ta' rilaxx għażiċ-ċirkolazzjoni ħielsa bl-użu tal-unità ta' kejl tal-ammont tal-kwota stabbilità għal dawk il-prodotti fl-Anness tar-Regolament.
- (5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2505/96 tal-20 ta' Diċembru 1996 li jiftaħ u jipprovdha għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ġerti prodotti agrikoli u industrijni (²) ġie emendat bosta drabi. Fl-interess tat-trasparenza għandu għalhekk jitħassar u jiġi sostitwit fl-intier tiegħu.
- (6) Il-miżuri neċċessarji għall-adozzjoni ta' emendi f'dan ir-Regolament derivanti mill-emendi fin-Nomenklatura Magħquda u fil-kodiċi TARIC għandhom ikunu adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implantazzjoni konferiti lill-Kummissjoni (³).
- (7) Ladarba l-kwoti tat-tariffi għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010, dan ir-Regolament għandu jibda jaapplika mill-istess data u jidħol fis-seħħ immedjatamente,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-prodotti elenkti fl-Anness huma b'dan miftuħa kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni li fi ħdanhom se jkunu sospiżi dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għall-perjodi, bir-rati tad-dazju, u sal-volumi indikati fihi.

Artikolu 2

Il-kwoti tat-tariffi msemmijin fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ġestiti mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

(¹) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

(²) ĠU L 345, 31.12.1996, p. 1.

(³) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

▼B*Artikolu 3*

Fejn tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa fir-rigward ta' prodott imsemmi f'dan ir-Regolament, li għalihi il-volum tal-kwota huwa espresso f'unità ta' kejl diversa mill-piż f'tunnellati jew f'kilogrammi u diversa mill-valur, għal prodotti li għalihom l-ebda unità supplimentari ma ġiet stabilità fin-Nomenklatura Magħquda stabilità fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, il-kwantità eżatta tal-prodotti importati għandha tiddaħħal fil-“Kaxxa 41: Unitajiet supplimentari” ta' dik id-dikjarazzjoni bl-użu tal-unità ta' miżura tal-ammont tal-kwota għal dawk il-prodotti stabiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament

Artikolu 4

L-emendi u l-adattazzjonijiet tekniċi derivanti mill-emendi fin-Nomenklatura Magħquda u fil-kodiċi TARIC għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni konformement mal-proċedura stabilita fl-Artikolu 5(2).

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meħġjuna mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabiliti bl-Artikolu 247a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.
2. Fejn isir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom jaapplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE
Il-perjodu ta' żmien stabiliti fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xħur.

Artikolu 6

Ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M2*ANNESS*

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji (%)
09.2849	ex 0710 80 69	10	Faqqiegħ tal-ispeċi Auricularia polytricha (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-tgħollija), iffriżat, għall-produzzjoni tal-ikliet ippreparati minn qabel (¹) (²)	1.1.-31.12.	700 tunnellata	0 %
09.2913	ex 2401 10 35	91	Tabakk naturali mhux improċċat, kemm jekk imqatta' għal daqs regolari, kif ukoll jekk le, b'valor doganali ta' mhux anqas minn 450 euro kull 100 kg piż nett, għall-użu bħala binder jew imballaġġ għall-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt is-sottointestatura 2402 10 00 (¹)	1.1.-31.12.	6 000 tunnellata	0 %
	ex 2401 10 70	10				
	ex 2401 10 95	11				
	ex 2401 10 95	21				
	ex 2401 10 95	91				
	ex 2401 20 35	91				
	ex 2401 20 70	10				
	ex 2401 20 95	11				
	ex 2401 20 95	21				
	ex 2401 20 95	91				
09.2841	ex 2712 90 99	10	Taħlita ta' 1-alkenes li fihom 80 % tal-piż jew aktar ta' 1-alkenes b'tul tal-katina ta' 20 u 22 atomu tal-karbonju	1.1.-31.12.	10 000 tunnellata	0 %
09.2703	ex 2825 30 00	10	Ossidi u idrossidi tal-vanadju esklusivament għall-użu fil-liġi (¹)	1.1.-31.12.	13 000 tunnellata	0 %
09.2806	ex 2825 90 40	30	Trijossidu tat-tangsten, inkl. ossidu tat-tangst. blu	1.1.-31.12.	12 000 tunnellata	0 %
09.2837	ex 2903 49 80	10	Bromoklorometanu	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2933	ex 2903 69 90	30	1,3-Dichlorobenzene	1.1.-31.12.	2 600 tunnellata	0 %
09.2950	ex 2905 59 98	10	2-Kloroetanol, għall-manifattura ta' tijoplasti likwid i tas-sottointestatura 4002 99 90 (¹)	1.1.-31.12.	15 000 tunnellata	0 %
09.2851	ex 2907 12 00	10	O-Cresol b'purezza ta' mhux anqas minn 98,5 % tal-piż	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2767	ex 2910 90 00	80	Allyl glycidyl ether	1.1.-31.12.	2 500 tunnellata	0 %

▼M2

Nru tal-Ordni	Il-kodic̄i tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji (%)
09.2624	2912 42 00		Ethylvanillin (3-ethoxy-4-hydroxybenzaldehyde)	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
(*)09.2638	2915 21 00	10	Aċtu aċetiku b'puritā bil-piż ta' 99 % jew aktar	1.1.-31.12.	500 000 tunnellata	0 %
09.2972	2915 24 00		Anidride aċetiku	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2769	ex 2917 13 90	10	Dimethyl sebacate	1.1.-31.12.	1 300 tunnellata	0 %
09.2634	ex 2917 19 90	40	Aċidu dodekanedjojku, ta' purezza b'piż ta' aktar minn 98,5 %	1.1.-31.12.	4 600 tunnellata	0 %
09.2808	ex 2918 22 00	10	Aċtu o-aċetisaliċiliku	1.1.-31.12.	120 tunnellata	0 %
09.2975	ex 2918 30 00	10	Benzophenone-3,3',4,4'-tetracarboxylic dianhydride	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
09.2632	ex 2921 22 00	10	Eksametilenediammina	1.1.-31.12.	35 000 tunnellata	0 %
09.2602	ex 2921 51 19	10	o-Phenylenediamine	1.1.-31.12.	1 800 tunnellata	0 %
09.2977	2926 10 00		Akrilonitrile	1.1.-31.12.	30 000 tunnellata	0 %
09.2917	ex 2930 90 13	90	Ċistina	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2603	ex 2930 90 99	79	Bis(3-triethoxysilylpropyl) tetrasulfide	1.1.-31.12.	9 000 tunnellata	0 %
09.2810	2932 11 00		Tetraido furan	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2955	ex 2932 19 00	60	Flur tamone (ISO)	1.1.-31.12.	300 tunnellata	0 %
09.2812	ex 2932 29 85	77	Hexan-6-olide	1.1.-31.12.	4 000 tunnellata	0 %
09.2615	ex 2934 99 90	70	Aċidu ribonuklejku	1.1.-31.12.	110 tunnellata	0 %
09.2945	ex 2940 00 00	20	D-Xylose	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2908	ex 3804 00 00	10	Linjosulfonat tas-sodju	1.1.-31.12.	40 000 tunnellata	0 %
09.2889	3805 10 90		Termentina tas-sulfat	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2935	ex 3806 10 00	10	Resin u aċidi tar-resin miksuba minn oleoresins friski	1.1.-31.12.	280 000 tunnellata	0 %
09.2814	ex 3815 90 90	76	Katalizzatur magħmul mid-dijossidu tat-titanju u t-tijossidu tat-titanju	1.1.-31.12.	2 200 tunnellata	0 %

▼M2

Nru tal-Ordni	Il-kodicî tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji (%)
09.2829	ex 3824 90 97	19	<p>Estratt solidu ta' materjal residwu li ma jinħallx f'solventi alifatiċi miksuba matul l-estrazzjoni tar-resin mill-injam, li għandu l-karatteristiċi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kontenut tal-aċidu tar-reżin li ma jaqbiżx it-30 % tal-piż, — numru tal-aċidu li ma jaqbiżx il-110, u — punt tat-tidwib ta' 100 °C jew aktar 	1.1.-31.12.	1 600 tunnellata	0 %
09.2986	ex 3824 90 97	76	<p>Taħlita ta' amines terzjarji li fihom:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 60 % jew aktar tal-piż dodecyldimethylamine — 20 % jew aktar tal-piż dimethyl(tetradecyl) amine, — 0,5 % jew aktar tal-piż hexadecyldimethylamine, <p>għall-użu fil-produzzjoni ta' ossidi amini (⁽¹⁾)</p>	1.1.-31.12.	14 315 tunnellata	0 %
09.2907	ex 3824 90 97	86	<p>Taħlita ta' fitosteroli, fi trab, li fihom, bil-piż:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 75 % jew aktar ta steroli, — mhux aktar minn 25 % ta' stanoli, <p>għal użu fil-manifattura tal-istanoli/steroli jew stanoli/steroli esters (⁽¹⁾)</p>	1.1.-31.12.	2 500 tunnellata	0 %
09.2140	ex 3824 90 97	98	<p>Taħlita ta' amines terzjarji li fihom, skont il-piż:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 2,0-4,0 % ta' N,N-dimethyl-1-octanamine — minimu ta' 94 % N,N-dimethyl-1-decanamine — massimu ta' 2 % N,N-dimethyl-1-dodecanamine 	1.1.-31.12.	4 500 tunnellata	0 %

▼M2

Nru tal-Ordni	Il-kodicî tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji (%)
09.2992	ex 3902 30 00	93	Propylene-butylene copolymer, b'kontenut fil-piż ta' mhux anqas ta' 60 % iżda mhux aktar minn 68 % ta' propylene u mhux anqas minn 32 % iżda mhux aktar minn 40 % ta' butylene, b'viskożità tat-tidwib li ma taqbiżx it-3 000 mPa f'190 °C, kif determinat mill-metodu ASTM D 3236, għall-użu bħala adeżiv fil-manifattura ta' prodotti li jaqgħu taħt is-sottointestatura 4818 40 (¹)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
(*)09.2947	ex 3904 69 80	95	Poly(vinylidene fluoride), fil-forma ta' trab, għall-preparazzjoni ta' żebgħa jew verniċ għall-kisi tal-metall (¹)	1.1.-31.12.	1 300 tunnellata	0 %
(*)09.2639	3905 30 00		Poli(alkoħol tal-vinil)	1.1.-31.12.	18 000 tunnellata	0 %
(*)09.2640	ex 3905 99 90	91	Polivinil butiral	1.1.-31.12.	8 000 tunnellata	0 %
09.2616	ex 3910 00 00	30	Polydimethylsiloxane b'livell ta' polimerizzazzjoni ta' 2 800 monomer unit (± 100)	1.1.-31.12.	1 300 tunnellata	0 %
(*)09.2816	ex 3912 11 00	20	Frak tal-aċetat taċ-ċellulożju	1.1.-31.12.	58 500 tunnellata	0 %
(*)09.2641	ex 3913 90 00	87	Ijaluronat tas-sodju, mhux sterili: — b' piż medju tal-piż molekulari (Mw) li ma jaqbiżx 900 000, — b'livell ta' endotossin li ma jaqbiżx 0,008 unitajiet ta' Endotossin (EU)/mg, — b'kontenut ta' etanol li ma jaqbiżx 1 % bil-piż, — b'kontenut ta' isopropanol li ma jaqbiżx 0,5 % tal-piż	1.1.-31.12.	200 kg	0 %
09.2813	ex 3920 91 00	94	Film koestruż bi tliet saffi magħmul minn butiral tal-polivinil mingħajr faxx ta' kulur sfumat li fih bħala kontenut bil-piż 29 % jew iżjed, iżda li ma jaqbiżx il-31 % ta' 2,2'-ethylenedioxydiethyl bis(2-ethylhexanoate) li jintuża bħala plastifikant	1.1.-31.12.	2 000 000 m²	0 %

▼M2

Nru tal-Ordni	Il-kodicċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji (%)
09.2818	ex 6902 90 00	10	Briks li jirreżistu s-ħana: — b'tarf li għandu tul ta' aktar minn 300 mm u — kontenut f'piż ta' TiO ₂ ta' mhux aktar minn 1 % u — kontenut f'piż ta' Al ₂ O ₃ ta' mhux aktar minn 0,4 % u — varjazzjoni fil-volum ta' anqas minn 9 % f'1 700 °C	1.1.-31.12.	75 tunnellata	0 %
09.2815	ex 6909 19 00	70	Irfid għal katalizzaturi jew filtri, li jikkonsistu f'biċċiet porużi taċ-ċeramika, minn taħlita ta' ossidu ta' aluminju u titanju, b'volum totali ta' mhux aktar minn 65 litru u mill-inqas kanal wieħed (miftuħ fuq naħa waħda jew tnejn) f'kull cm ² tal-wiċċ tas-sezzjoni trasversali	1.1.-31.12.	380 000 unitajiet	0 %
09.2628	ex 7019 52 00	10	Xibka tal-ħġieġ minsuġa minn fibri tal-ħġieġ miksija bil-plastik, b'piż ta' 120 g/m ² (\pm 10 g/m ²), tat-tip li jintuża fir-rolling insect screens bil-qafas fiss	1.1.-31.12.	350 000 m ²	0 %
09.2799	ex 7202 49 90	10	Ferro-kromju li fih 1,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 4 % tal-piż f'karbonju u mhux aktar minn 70 % ta' kromju	1.1.-31.12.	50 000 tunnellata	0 %
09.2629	ex 7616 99 90	85	Manku teleskopiku tal-aluminju għall-użu fil-manifattura tal-bagalji (')	1.1.-31.12.	240 000 unitajiet	0 %
(*)09.2636	ex 8411 82 80	20	Magni tat-turbini tal-gass industrijali aeroderivatti tal-64 MW, biex jiġu inkorporati f'settijiet għall-ġenerazzjoni tal-elektiku għal bżonnijiet ta' quċċata/ħtieġa medja li joperaw għal anqas minn 5 500 siegħa fis-sena u b'effiċċenza taċ-ċiklu semplicei ta' aktar minn 40 %	1.1.-31.12.	10 unitajiet	0 %

▼M2

Nru tal-Ordni	Il-kodicċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji (%)
09.2763	ex 8501 40 80	30	Mutur kommutatur elettriku AC, monofażi, b'rendiment ta' aktar minn 750 W, u input enerġetiku ta' aktar minn 1 600 W imma mhux aktar minn 2 700 W, dijametru estern ta' aktar minn 120 mm ($\pm 0,2$ mm) imma mhux aktar minn 135 mm ($\pm 0,2$ mm), b'rata ta' veloċità ta' aktar minn 30 000 rpm imma mhux aktar minn 50 000 rpm, mgħammar b'ventilatur għall-ajra, għall-użu fil-produzzjoni tal-vacuum cleaners (⁽¹⁾)	1.1.-31.12.	2 000 000 unitajiet	0 %
(*)09.2642	ex 8501 40 80	40	Assemblaġġ, magħmul minn: — mutur kommutatur li jaħdem bl-elettriku AC monofażi b'saħħa ta' 480 W jew aktar, iżda li ma taqbiżx 1 400 W, li tuża dħul tal-elettriku ta' aktar minn 900 W iżda li ma jaqbiżx 1 600 W, b'dijametru estern ta' aktar minn 119,8 mm iżda li ma jaqbiżx 135,2 mm u b'veloċitā mkejla ta' aktar minn 30 000 rpm iżda li ma taqbiżx 50 000 rpm, u — ventilatur għad-dħul tal-arja (⁽¹⁾)	1.1.-31.12.	120 000 unitajiet	0 %
(*)09.2633	ex 8504 40 82	20	Adapter tal-elettriku, b'kapaċċità ta' mhux aktar minn 1 kVA, biex jintuża fil-manifattura ta' apparat li jneħħi x-xagħar (⁽¹⁾)	1.1.-31.12.	4 500 000 unitajiet	0 %
(*)09.2643	ex 8504 40 82	30	Pjanċi bis-sokits għall-għoti tal-elettriku li jintuża fil-manifattura ta' oġġett li jaqgħu taħt l-intestatura 8521 u 8528 (⁽¹⁾)	1.1.-31.12.	1 038 000 unitajiet	0 %
09.2620	ex 8526 91 20	20	Assemblaġġ għal sistemi GPS b'funzjoni ta' determinazzjoni tal-pożizzjoni	1.1.-31.12.	3 000 000 unitajiet	0 %

▼M2

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Il-kwota tad-dazji (%)
09.2003	ex 8543 70 90	63	Ġeneratur tal-frekwenzi kkontrollat bil-vultaġġ, li jikkonsisti f'elementi attivi u passivi mmuntati fuq ċirkwit stampat miżimum ġewwa qafas li d-dimensjonijiet ta' barra tiegħu mhux aktar minn 30 × 30 mm	1.1.-31.12.	1 400 000 unitajiet	0 %
(*)09.2635	ex 9001 10 90	20	Fibri ottiċi għall-manifattura tal-kejbils magħmulin mill-fibri tal-ħġieġ taħt l-intestatura 8544 (¹)	1.1.-31.12.	2 600 000 km	0 %
09.2631	ex 9001 90 00	80	Lentijiet, priżmi u elementi inkullati għall-użu fil-manifattura ta' prodotti tal-kodiċijiet NM 9005, 9013 u 9015 (²)	1.1.-31.12.	5 000 000 unitajiet	0 %

(¹) L-eżenzjoni minn jew it-naqqis ta' dazji doganali għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni bil-għan li jkun hemm kontroll doganali tal-użu ta' tali merkanzija (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).

(²) Madankollu, il-miżura mhix permessa meta l-ipproċessar isir minn impriżzi tal-imnut u tal-forniment ta' ikel.

(*) Pożizzjoni ġidha jew emenda